MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2013

Numru. 994/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**MARTIN ATTARD**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Martin Attard, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 698262 (M).

**Akkuzat talli:**

Fis-7 ta` April, 2010, u fis-sena ta` qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz,

jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta` aktar minn mitejn u tnejn u tletin Ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) imma inqas minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta` **Technoworld**, ta` Rodney Testa li ghandu numru tal-karta tal-identita` 550879 (M) u terzi persuni ohra.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz id-dokumenti kollha prezentati mill-prosekuzzjoni kif ukoll ix-xhieda mressqa u l-provi prodotta;

Wara li rat l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Rat is-sentenza taghha kontra l-imputat Martin Attard moghtija nhar it-28 ta` Frar, 2013, fejn huwa kien gie kkundannat ghal terminu ta` prigunerija ta` sena (1) u ordnat li a tenur tal-Artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta li dan it-terminu ta` prigunerija ma jibdhiex isehh jekk fi zmien sitt (6) xhur mid-data tas-sentenza huwa jhallas lura lid-derubat is-somma ta` seba` mija u ghoxrin ewro (€720).

Illi din il-Qorti giet mgharrfa li l-imputat Martin Attard kien naqas li jikkonferma ruhu ma` dak ordnat fis-sentenza fuq citata billi baqa` ma hallasx is-somma indikata fis-sentenza lid-derubat fiz-zmien stipulat u ghaldaqstant filwaqt li tikkonferma s-sentenza taghha tat-28 ta` Frar, 2013, tikkundanna lill-imputat ghal sena (1) prigunerija effettiva.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------